Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2131(INL)

2.9.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali
(2025/2131(INL))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Jana Toom

(Inizjattiva – l-Artikolu 47 tar-Regoli tal-Proċedura)

PR_INL_art42

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:
RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA 8

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali
(2025/2131(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 9, 46, 149, 151, 153, 162, 164, 174 sa 178 u 349 tat-TFUE,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021)0102),

wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1] (RRF),–
wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta[2] (JTF),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[4],

wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060[5],

---

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
[2] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.
[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21.
[4] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.
[5] ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1.

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE[6],

wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi ta' Settembru 2024 intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-"rapport Draghi"),

– wara li kkunsidra l-Pjan direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qed ikollha effett trasformattiv profond fuq l-ekonomiji, ir-reġjuni u l-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa; billi l-iżgurar ta' bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima u diġitalizzata u ta' tnaqqis fid-dipendenzi fir-rigward tal-provvista tal-enerġija huwa essenzjali għas-sostenibbiltà, it-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa; billi s-suċċess aħħari tat-tranżizzjoni doppja se jiddependi ħafna fuq l-iżgurar li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva għall-ħaddiema, in-negozji u r-reġjuni milquta;

B. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;

C. billi, filwaqt li għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi importanti tal-Unjoni għandhom l-għan li jindirizzaw jew jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tranżizzjoni doppja (b'mod partikolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-JTF, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+ u l-RRF) għad hemm lakuni fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika fir-rigward tat-tfixkil fuq il-post tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali; billi hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tiżgura valur miżjud reali u konverġenza soċjali 'l fuq konkorrenti biex il-wegħda li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" ssir realtà;

D. billi r-rapport Draghi jidentifika n-nuqqasijiet persistenti ta' ħiliet bħala ostaklu għall-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-teknoloġija u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, li min-naħa tagħhom ifixklu t-tkabbir u l-kompetittività; billi r-rapport Draghi jinnota li kważi 80 % tan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandhom diffikultajiet biex isibu ħaddiema bis-sett ta' ħiliet it-tajjeb; billi r-rapport Draghi jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-produttività u l-inklużjoni soċjali jimxu id f'id, bis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jkunu kritiċi għall-forniment ta' servizzi pubbliċi b'saħħithom,

[6] ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, trasport u indukrar tat-tfal matul it-tranżizzjoni;

1. Jenfasizza li t-tranżizzjoni b'suċċess lejn sorsi u industriji tal-enerġija aktar sostenibbli se jkollha rwol ewlieni fil-kompetittività fit-tul tan-negozji tal-Unjoni fis-suq globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li n-negozji u l-ħaddiema jkunu mgħammra tajjeb biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidla għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi; jemmen li qafas vinkolanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ta' tranżizzjoni ġusta fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali biex jiġu żgurati standards komuni minimi li jipprovdu ċarezza u struttura kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u, fl-aħħar mill-aħħar, itejbu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tal-Unjoni; jisħaq li r-reġjuni jistgħu jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta billi jikkombinaw il-protezzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni ekonomika, u l-koordinazzjoni territorjali biex jitnaqqsu l-impatti negattivi u jiġi promoss żvilupp aktar inklużiv;

2. Jenfasizza li l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni fuq l-impjiegi jmur lil hinn mit-tnaqqis fis-setturi tal-fjuwils fossili u se jkollu impatt usa' f'termini ta' definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u tranżizzjoni ġenerali tas-suq tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan direzzjonali l-ġdid għal Impjiegi ta' Kwalità jinkludi sett ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konkreti li jtejbu b'mod tanġibbli l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u t-taħriġ u l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom; jisħaq li tali miżuri jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu appoġġjati l-impjegaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, biex iżommu u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi jipprovdu qafas ċar għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fi sħubija mal-ħaddiema u biex isir investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema li jimpedixxu l-produttività u t-tkabbir;

3. Jistieden lill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tipproponi direttiva biex tiżgura tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol u tiffaċilita t-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u diġitali; jemmen li din id-direttiva għandha tinkludi miżuri li jiżguraw, fost l-oħrajn:

   (a) qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla permezz tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni f'waqthom tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

   (b) dritt individwali għal taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema matul il-ħinijiet tax-xogħol;

   (c) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta;

   (d) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozju u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi;

   (e) struttura ta' monitoraġġ li tista' twassal għal prospettiva strateġika;

4. Jenfasizza li l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla huma ta' importanza kbira kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-ħaddiema biex jinnavigaw b'suċċess it-tranżizzjoni

ekoloġika u jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi kkawżati minn avvenimenti ġeopolitiċi negattivi; jisħaq li l-ippjanar tat-tranżizzjoni jista' jipprevjeni b'mod proattiv is-sensji, jibni reżiljenza dejjiema fin-negozju u jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli; jenfasizza li l-pjanijiet iridu jiġu żviluppati fil-qafas tad-djalogu soċjali, b'rispett sħiħ għad-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward, rieżami tal-qafas leġiżlattiv dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni biex jiġi żgurat li jkun adattat għall-iskop tiegħu fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja; jisħaq fuq il-ħtieġa li n-negozji jingħataw inċentivi biex jistabbilixxu l-pjanijiet ta' tranżizzjoni tagħhom stess;

5. Jenfasizza li n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti biss billi jiġu indirizzati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-opportunitajiet ta' taħriġ; jenfasizza li l-iskeda tat-taħriġ, ir-responsabbiltajiet tal-familja u l-ispejjeż huma l-ostakli ewlenin għall-ħaddiema li jixtiequ jipparteċipaw f'taħriġ ulterjuri[7]; jemmen bis-sħiħ li dritt individwali għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol jista' jegħleb dawn l-ostakli għall-ħaddiema u jiżgura provvista prevedibbli u stabbli ta' ħaddiema tas-sengħa għall-impjegaturi;

6. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jappoġġjaw lin-negozji u lill-ħaddiema billi jistabbilixxu strateġiji u politiki ġenerali għal tranżizzjoni ġusta fil-livell nazzjonali; jenfasizza li tali strateġiji nazzjonali għandhom jidentifikaw l-impatt tat-tranżizzjonijiet fuq is-setturi individwali u l-forza tax-xogħol u għandhom jistabbilixxu firxa komprensiva u trażversali ta' miżuri biex jittaffa l-impatt; jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati viżjoni u strateġija fit-tul għat-tranżizzjoni ekonomika lokali billi jiġu involuti l-atturi pubbliċi u privati u s-soċjetà ċivili; jisħaq li l-investimenti diretti fl-innovazzjoni u t-titjib tal-attraenza reġjonali permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura, is-servizzi pubbliċi u l-faċilitajiet huma meħtieġa biex il-ħaddiema jinżammu u jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità;

7. Ifakkar li l-SMEs huma l-ġeneraturi ewlenin ta' impjiegi lokali durabbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament tat-tranżizzjoni, inkluż billi jiġu permessi arranġamenti ta' raggruppament għall-aċċess għall-fondi u assistenza teknika biex jiggwidaw it-tfassil u l-konformità tal-proġetti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jistabbilixxu u jsaħħu programmi ta' appoġġ għan-negozji fir-reġjuni milquta biex jgħinu lill-istartups u lill-SMEs jikbru u jirnexxu; jenfasizza li l-inċentivi għall-investiment jistgħu jgħinu biex jattiraw ditti lejn reġjuni vulnerabbli;

8. Jinnota n-nuqqas ta' data preċiża dwar l-għadd ta' impjiegi mitlufa, maħluqa jew milquta mit-tranżizzjonijiet doppji; jissottolinja l-importanza li jitbassru l-bidliet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet għal risponsi ta' politika effettivi; jitlob li jiġi stabbilit Osservatorju għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE komplut biex jiġbor data rilevanti u janalizza l-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni;

9. Jitlob li d-direttiva proposta tkun akkumpanjata minn Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mġedded għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi żgurat li jopera taħt prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija b'baġit akbar; jisħaq li l-Fond il-ġdid għandu jappoġġja lill-impjegaturi fl-għoti tad-dritt tal-ħaddiema għat-taħriġ kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-intrapriżi; iħeġġeġ li l-

[7] Employment and Social Developments in Europe 2024, Il-Kummissjoni Ewropea, p. 20.

finanzjament tat-tranżizzjoni jinkludi kundizzjonalitajiet soċjali biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament suffiċjenti għal ħiliet ta' kwalità u programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħala investiment fit-tul fil-produttività, it-tkabbir u l-kompetittività tal-ħaddiema u tan-negozji; jistieden lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jisfruttaw b'mod strateġiku l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni biex jimplimentaw l-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-Garanzija tal-Ħiliet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-użu tad-dħul tal-Iskema nazzjonali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-taħriġ tal-ħaddiema u għar-riallokazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tesplora u toħroġ gwida dwar kif is-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi jistgħu jiffinanzjaw it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'mod partikolari d-dritt għat-taħriġ għall-ħaddiema individwali;

11. Jenfasizza li xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġjaw lill-ħaddiema matul perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu s-sistemi u s-servizzi ta' protezzjoni soċjali tagħhom sabiex jiżguraw ir-reżiljenza kontra xokkijiet li jirriżultaw mit-tranżizzjoni doppja li tħalli impatt fuq is-suq tax-xogħol;

12. Jisħaq li l-impatt fuq l-impjiegi se jvarja bejn ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali jiġu involuti u jingħataw is-setgħa biex ikunu atturi attivi fit-tranżizzjoni; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjoni u kooperazzjoni strateġiċi mas-sħab soċjali matul il-ġestjoni tat-tranżizzjoni; jisħaq li parteċipazzjoni sinifikanti tista' tiġi żgurata permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadju bikri u mandati ċari u drittijiet tal-vot għas-sħab soċjali, għall-SMEs, għas-soċjetà ċivili u għaż-żgħażagħ f'korpi ta' koordinazzjoni reġjonali;

13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sal-31 ta' Jannar 2027, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punti (a) (b), (e) u (h) tat-TFUE, proposta għal direttiva dwar it-tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Direttiva Ewropea għal tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali

Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta leġiżlattiva futura għal direttiva dwar tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol: l-iżgurar tal-ħolqien tal-impjiegi u r-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali għandha ssegwi dawn il-prinċipji u l-għanijiet:

Rakkomandazzjoni 1: L-objettiv ġenerali tal-proposta

L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni ta' miżuri ta' politika li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bl-għan li jiġu żgurati tranżizzjoni soċjalment ġusta u inklużiva u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.

Rakkomandazzjoni 2: Forma tal-proposta

Il-proposta għandha tieħu l-forma ta' Direttiva.

Minħabba l-ħtieġa ta' pakkett komprensiv ta' miżuri meħtieġa biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-proposta għandha tinkludi elementi fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;
(b) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol;
(c) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;
(d) it-titjib tal-ambjent tax-xogħol biex jitħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Rakkomandazzjoni 3: Suġġett tal-proposta

Il-proposta għandha tiffoka fuq il-miżuri ta' politika li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' qafas iddedikat għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fir-reġjuni u s-setturi li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet abbażi tal-prinċipji tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv;

(b) l-iżgurar, abbażi ta' rieżami tal-qafas leġiżlattiv, li d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġi applikat b'mod effettiv fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet;

(c) l-istabbiliment ta' dritt individwali għat-taħriġ mingħajr ħlas għall-ħaddiema u matul il-ħinijiet tax-xogħol;

(d) l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ta' tranżizzjoni ġusta, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul għall-ekonomiji lokali u l-forza tax-xogħol fir-reġjuni milquta kollha;

(e) l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-atturi lokali sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi lokali;

(f) l-iżgurar tat-tqabbil tal-provvista u d-domanda tax-xogħol mal-ħiliet permezz ta' użu kkombinat ta' intelligenza tas-suq tax-xogħol, kollaborazzjoni msaħħa tal-atturi lokali mal-forniturі tat-taħriġ, u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' tranżizzjoni fil-livell tal-kumpaniji;

(g) l-iżvilupp ta' struttura ta' monitoraġġ biex tingħata prospettiva strateġika dwar l-impatti tat-tranżizzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
-

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.
Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2016, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).